# Uliedi prezzjużi għalija?

"Oqgħod attent meta taqsam it-triq!" "Ara ma' min tagħmilha!" "Moħħok hemm waqt il-lezzjonijiet tal-iskola!"

Min jaf kemm-il darba għedna kliem bħal dan lil uliedna! U min jaf kemm għedna oħrajn ukoll! U min jaf kemm-il darba ma tajnihomx xi ħaġa biex ma jweġġgħux huma u ma jweġġgħux lil ħaddieħor!

Ħaġa sabiħa tisma' lill-ġenituri u dawk li jieħdu ħsieb it-tfal jiġbdu l-attenzjoni tat-tfal għal affarijiet li, għalkemm huma żgħar fihom infushom, lit-tfal jistgħu jeħilsuhom minn ħafna inkwiet u uġigħ bla bżonn!

Taf xi tkun qed tagħmel meta ġġib ruħek hekk ma' wliedek? Fi kliem ieħor tkun qed tgħidilhom biex jieħdu ħsieb tagħhom infushom u jieħdu ħsieb tal-ħajja tagħhom fil-ġisem. Din hi ħaġa li forsi ma tantx nagħtu kasha imma li hija importanti ħafna.

U aħna nagħmlu dan mhux biss għax nafu li ngħixu darba biss imma wkoll għax aħna konxji li huwa Alla li silifna l-ħajja. U ladarba ħajjitna hija mislufa allura rridu nibżgħu għaliha għaliex mhix tagħna! Mhux hekk biss, imma rridu nagħtu wkoll kont ta' kemm bżajna għaliha u kif użajnieha.

Imma li tibża' għal ħajtek u l-ħajja ta' wliedek ma jfissirx biss li tara li ma tiġrilhomx xi ħsara fil-ġisem li tikkawża uġigħ fiżiku. L-imħabba u r-rispett lejn il-ġisem nuruh ukoll permezz ta' affarijiet li nagħmlu ta' kuljum. Forsi tant drajniehom li lanqas biss nagħtu kas li bihom inkunu qed ngħinu lit-tfal japprezzaw li l-ħajja tagħhom hija mislufa lilhom minn Alla!

Xi ngħidu għall-ikel li t-tfal qegħdin jieklu? Forsi l-aktar ħaġa faċli fid-dinja mgħaġġla tagħna hija li tixtrih lest. Imma dan huwa ta' ġid għal saħħithom? Jew għax 'komdu u prattiku' għalina għax jiffrankalna li noqogħdu nippreparaw ikel bnin u tajjeb għal uliedna?

Veru li għandna ħafna x'nagħmlu u diffiċli nlaħħqu ma' kollox imma hemm bżonn li lit-tfal nagħtuhom ikel li jkun tajjeb għal saħħithom. B'hekk ukoll inkunu qed ngħinuhom jindunaw li ħajjithom hija prezzjuza u jridu jieħdu ħsiebha – anki f'dawn l-affarijet li nagħmlu ta' kuljum u li mingħajrhom ma nistgħux ngħixu! ■

